MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1993/2000/1

**Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd.**

**v.**

**Robert Arrigo & Sons Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Settembru, 2000 is-socjeta` attrici ppremettiet; illi hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' Lm7,432.35[1], rapprezentanti l-

[1] Illum (€17,312.71)

prezz ta’ servizzi ta’ akkomodazzjoni prestat lill-konvenuti jew lill-klijenti taghhom mis-socjeta` attrici fil-Lukanda Promenade, Tower Road, Sliema; illi s-socjeta` konvenuta kkontestat illi ghandha thallas dan l-ammont, u dan billi s-socjeta` konvenuta allegat li hlas li sar lill-manager tal-lukanda fuq kuntratt dwar lukanda ohra, proprjeta` ta’ haddiehor, ghandu jitqies bhala hlas akkont ta’ dan id-dejn; illi debitament interpellata, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:
“1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm7,432.35, dovuti kif suespost;

"2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm7,432.35.

“Bl-ispejjez, u bl-imghax mid-data ta’ l-ezekuzzjoni tas-servizz.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-6 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha eccepixxiet:
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2147(c).

“3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost s-socjeta` konvenuta hallset l-ammont dovut lil Gaetano Debattista skond kif miftiehem.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-6 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-

eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni b'dana li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-9 ta' Settembru, 1999 u ordnat li l-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghal servizzi ta' akkomodazzjoni prestat lill-klijienti tal-konvenuti fil-Lukanda Promenade proprjeta` ta' l-istess socjeta` attrici.

"Il-konvenuti qed jeccepixxu n-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet, il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili u li huma hallsu hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) lil Gaetano Debattista skond kif mifthiem.

"Il-Qorti ser tinvestiga l-ewwel l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi din hija palesament infondata ghaliex l-artikolu ccitat jirrigwardja hlasijet lil sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar ta' artigjani jew haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu. Il-kawza odjerna hija ghall hlas ta' akkomodazzjoni ta' persuni u ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata m'hijex applikabbli. Mhux kompitu tal-Qorti tinvestiga hi liema hija dik il-preskrizzjoni applikabbli jekk din ma tigix precizata mill-konvenuti u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Il-kwistjoni f'din il-kawza ghalhekk hija l-involviment ta' l-imsemmi Gaetano Debattista fil-vertenza. Ma hemmx dubbju li s-socjeta` konvenuta hallset is-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) lil din il-persuna kif ammetta hu stess. Madankollu fid-depozizzjoni tieghu anke meta gie kontro-ezaminat huwa nsista li kien ircevihom ghal xi haga ohra u mhux dwar l-ammont li qed titlob is-socjeta` attrici. Jidher ukoll car li dan Debattista kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala manager izda fl-istess hin kien jiggestixxi lukanda ohra. Ghalhekk forsi r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti hija xi ftit infuskata minhabba r-rwol ta' Debattista ghaliex ma hemmx dubbju ukoll li s-socjeta` konvenuta kellha wkoll negozju mieghu personalment bhala gestitur tal-lukanda l-ohra (Gallina). Jidher infatti li hu kien jakkomoda t-turisti li kienu jgibu l-

konvenuti kemm fil-lukanda Gallina u kemm fil-Promenade Hotel u hu wkoll verosimili li meta ma kienx ikollu spazju fl-ewwel wahda kien jakkomodahom f'ta' l-ahhar.

"Fl-affidavit ta' Anthony German li huwa Head of Accounts tas-socjeta` konvenuta fil-fatt hemm imnizzel dan il-fatt. F'dan ir-rispett id-dokumenti TG1, TG2 u TG3 esebiti minnu m'humiex fil-process izda l-Qorti ser tipprocedi ghaliex il-fatti li jridu jippruvaw m'humiex kontestati. Dan jghid illi f'Settembru 1999 ircevew it-talba ghall-hlas in kwistjoni u kien hemm l-ewwel darba li semghu li Debattista kien impjegat ma' l-atturi. F'dan iz-zmien kienu gia' hallsu l-hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) imsemmija (il-hlas sar f'Gunju 1999).

"Fl-affidavit ta Mark Aquilina, direttur tas-socjeta` attrici, hemm imnizzel illi Robert Arrigo kien jaf li Debattista kien impjegat maghhom f'Gunju 1999 ghaliex kien cempillu meta sar jaf b'dan il-hlas. Dan meta l-hlas qed jintalab ghax-xhur ta' Awwissu u Settembru ta' l-istess sena. Dwar dan Arrigo xehed illi huma hallsu lil Debattista minn qabel ghal dawn is-servizzi. Kif gia' inghad Debattista jghid li l-hlas kien ghal servizzi ohra li irrenda hu personalment (fol 38) fir-rigward tal-lukanda Gallina. Dan fil-fatt hu korroborat mid-Dokument GDY (fol 47) li jsemmi Re - Gallina forward payment. Ghandu jinghad ukoll illi fil-ftehim bejn is-socjeta` attrici u Debattista, jirrizulta bl-iktar mod car illi hu kien impjegat (infatti jirrizulta li kien jithallas salarju) u ghalhekk zgur li fl-obligazzjonijiet li dahal ghalihom fir-rigward tal-lukanda Promenade kien qed jagixxi ghan nom ta' l-istess socjeta`.

"Mid-dokumenti esebiti a fol 48 et sequitur, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet taf li l-persuni li kienu qed igibu Malta kienu qed jigu akkomodati fil-Promenade Hotel. Infatti l-fax transmissions esebiti huma mibghuta mis-socjeta` Arrigo And Sons Limited lil certu Alan (u ghalhekk mhux Debattista) illi presumibilment hu impjegat mas-socjeta` attrici. Dan ghax il-lukanda indikata hija dejjem il-Promenade u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma tistax tghid li ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' dik attrici u

l-fatt li hallsu l-hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) lil Debattista jindika li dawn kienu jirrigwardjaw il-lukanda Gallina. Naturalment dan ma jippregudikax xi kreditu li s-socjeta` konventa jista' jkollha fil-konfront ta' Debattista.

"Fir-rigward ta' l-imghaxjiet billi l-ammont kien dovut zgur fid-9 ta' Settembru, 1999 u si tratta ta' operazzjoni u kwindi obbligazzjoni kummercjali, ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fil-15 ta' Gunju, 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza u li ghalhekk it-talbiet attrici jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici. Ghandu jinghad ukoll li fir-rikors ta' l-appell is-socjeta` konvenuta appellanti ghamlet referenza ghall-Artikolu 2147(b) u dana b'sostituzzjoni ghall-artikolu ta' preskrizzjoni citat fin-nota ta' l-eccezzjonijiet. Inoltre fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2007 id-difensur tas-socjeta` konvenuta appellanti gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li l-artikolu in kwistjoni tal-preskrizzjoni huwa 2147(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma kollha indirizzati lejn ic-cahda ta' l-eccezzjonijiet sollevati u dana fuq il-premessa, hlief ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici, li l-ewwel Qorti kienet zbaljat meta waslet ghall-konkluzzjoni li kien hemm relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, u li l-ammont imhallas lil Debattista ma kienx intiz li jissodisfa l-kreditu tas-socjeta` attrici.

**Dwar ir-relazzjoni guridika.**

Mhux kkontestat bejn il-kontendenti li s-socjeta` attrici, permezz tal-lukanda Promenade, ipprovdiet servizzi ta' akkomodazzjoni lill-klijenti tas-socjeta` konvenuta. Biss

is-socjeta` konvenuta tikkontendi li hija qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u li dan is-servizz kien jinghata b'arrangament bejn Debattista u s-socjeta` attrici billi din kienet tiehu, fil-lukdana taghha, l-"*overflow*" tal-klijenti tas-socjeta` konvenuta.

Pero` din l-asserzjoni tas-socjeta` konvenuta mhux sorretta mill-provi prodotti. Infatti jirrizulta mill-process a fol. 48 *et sequitur* li, ghall-perjodu in kwistjoni, is-socjeta` konvenuta, tramite l-impjegat taghha Vincent Micallef, kienet ghamlet arrangamenti ghall-akkomodazzjoni tal-klijenti taghha fil-lukanda Promenade. Jidher ghalhekk li s-socjeta` konvenuta dahlet f'relazzjoni diretta mas-socjeta` attrici. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux gustifikat.

**Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.**

Fir-rikors ta' l-appell, kif ukoll fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2007, gie rilevat li l-preskrizzjoni applikabbli ma kinitx dik indikata fin-nota ta' l-eccezzjoni, liema eccezzjoni giet michuda mill-ewwel Qorti bhala irrilevanti ghall-mertu tal-kaz. Infatti issa qed jinghad li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik imsemmija fl-Artikolu 2147(b) li jippreskrivi li l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, taverna jew allogg ghall-allogg u ghall-ikel li jghatu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena.

Mhux kkontestat li bejn meta rrizulta l-kreditu u d-data li giet intavolata l-kawza ghaddiet is-sena kontemplata f'dan l-artikolu. Biss is-socjeta` attrici qed tirribatti din l-preskrizzjoni billi ssostni li kien hemm rikonoxximent tad-debitu. Infatti, fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici tal-21 ta' Novembru, 2007 jinghad hekk: "*Fl-affidavit ta' l-attur Mark Aquilina, direttur tal-Golden Harvest, jirrizulta (l-ahhar paragrafu) illi l-appellant Arrigo offrew somma u baghtu cheque ghas-somma li skond huma kienet dovuta lill-appellati Golden Harvest. Dan huwa konfermat mill-appellanti Arrigo fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-fatti allegata ma' l-eccezzjonijiet fejn jinghad illi is-socjeta` attrici naqset li taccetta dan l-ammont.*"

In tema legali huwa rikonoxxut li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tirnexxi meta jew ikun hemm offerta ta' hlas, jew ikun hemm rikonoxximent tad-debitu, jew meta jigi kkontestat l-ammont reklamat. Issa fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta tikkontendi li hija dejjem ikkontestat l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici u li l-ammont offrut ma kienx in sodisfazzjoni tal-kreditu tas-socjeta` attrici izda kien pagament dovut minnha lil Debattista u li dan kien issuggerixxa li c-cheque jghaddi ghand is-socjeta` attrici.

Din is-sottomissjoni ma ghandhiex mis-sewwa billi mid-dikjarazzjoni guramentata ta' Anthony German, Head of Accounts tas-socjeta` konvenuta, liema dikjarazzjoni tinsab annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjeta`, jidher li meta saret l-offerta s-socjeta` konvenuta kienet konxja ta' l-arrangamenti li kienu saru ghall-akkomodazzjoni tal-klijenti taghha fil-Lukanda Promenade u konsegwentement, apparti l-kwistjoni ta' l-ammont imhallas lil Debattista, kienet qed toffri dan il-hlas akkont jew ghas-saldu ta' dak pretiz mis-socjeta` attrici.

Inoltre jidher li hemm rikonoxximent tad-debitu tas-socjeta` konvenuta billi l-istess socjeta` tikkontendi li ghandu jkun hemm tpacija tal-kreditu ma' l-ammont imhallas lil Debattista. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat billi l-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli.

**Dwar l-ammont imhallas lil Debattista.**

Is-socjeta` konvenuta finalment tikkontendi li hija kellha arrangamenti biss ma' Debattista li rcieva l-pagament ta' LM5000 u li dan kellu jirrifondi dan l-ammont biex b'hekk is-socjeta` konvenuta ma tkunx obbligata terga' thallas lis-socjeta` attrici.

Jinghad fl-ewwel lok li, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, jirrizulta mill-provi in atti li l-ammont imhallas lil Debattista kien jirrigwarda kreditu iehor li jikkoncerna l-lukanda Gallina u mhux il-kreditu tas-socjeta` attrici ghas-servizzi provduti fil-lukanda Promenade.

Inoltre anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-ammont imhallas lil Debattista kien jikkoncerna l-lukanda Promenade, dan il-pagament ma jezonerax lis-socjeta` konvenuta billi, kif irrizulta aktar 'il fuq, kien hemm relazzjoni diretta bejn is-socjeta` konvenuta u dik attrici in forza tar-"*reservations*" li saru direttament maghha u ghalhekk kull pagament in sodisfazjon tal-kreditu *de quo* kellu jsir direttament lis-socjeta` attrici. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------